**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 173/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 24.**

**GO plc (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Christina Suda (K.I 306307L)**

**227, Triq l-Imhallef William Harding**

**Pembroke**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-25 ta' April, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u sebgha u tletin ewro u hames centezmi (€1,337.05c) dovuta in kwantu ghal elf mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u sebghin centezmu (€1,155.76c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40196145,

mija u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€170.23c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40251181 u hdax il-ewro u sitt centezmi (€11.06c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40159339. Li s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 40196145 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd li b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015 giet amalgamata fis-socjeta' GO p.l.c.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u tlieta u sebghin ewro u hames centezmi (€1,337.05c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**